# Il-Parroċċa ta' Santa Venera u t-Toroq tagħha



Charlie Scerri

Meta twaqqfet il-parroċċa tagħna fl-1918 it-toroq stabbiliti kienu ta' madwar terz tat-toroq li għandna llum. Uħud minn dawn it-toroq kienu ġa ferm antiki. Illum il-ġurnata wara wieħed u disgħin sena ħajja din il-parroċċa kibret qatigħ minn kull lat, kemm mill-popolazzjoni, djar u naturalment toroq u pjazez.

Jeżistu toroq li għalkemm jagħmlu parti mill-parroċċa tagħna madankollu ma jagħmlux parti mill-konfini tal-lokalità ta' Santa Venera; mill-banda l-oħra jeżistu toroq li għalkemm jagħmlu parti mill-konfini tal-lokalità ta' Santa Venera ma jagħmlux parti mill-parroċċa tagħna.

Interessanti nżidu wkoll li numru ta' toroq li mill-bidu kienu jagħmlu parti mill-Parroċċa ta' Santa Venera pero meta twaqqfet il-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Fleur-de–Lys fil-25 ta' Jannar 1975, dawn daħlu fil-limiti tal-parroċċa l-ġdida.

Min-naħa l-oħra xi toroq li ma kenux jagħmlu parti mill-parroċċa tagħna fil-bidu tat-twaqqif tagħha żdiedu snin wara, fosthom parti sew minn Triq il-Kbira San Ġużepp fejn illum insibu l-Knisja Parrokkjali fost oħrajn.

Hemm toroq oħra li parti minnhom biss tagħmel mal-parroċċa tagħna u jkomplu ma' parroċċi oħra. Tajjeb hawnhek insemmu l-fatt li l-parroċċa tagħna tmiss mal-konfini ta' seba' parroċċi oħra, dawk ta' San Ġorġ u San Bastjan ta' Ħal Qormi, San Gejtanu u l-Kunċizzjoni tal-Ħamrun, tal-Madonna tal-Karmnu ta' Fleur-de-Lys, dik ta' San Ġużepp tal-Imsida u Sant'Elena ta' Birkirkara.

F'dan l-artiklu se nagħtu titwila speċifikament lejn l-ismijiet tat-toroq tal-parroċċa ta' Santa Venera. Dak li hu interessanti huwa l-fatt li fil-maġġoranza tal-ismijiet tat-toroq ta' Santa Venera wieħed jista' saħansitra jsib traċċi tal-identità partikulari ta' dan ir-raħal. Dan għaliex jeżistu ismijiet ta' toroq li jagħtuna indikazzjoni ta' kif kienu l-inħawi ta' Santa Venera ħafna snin ilu.

Tajjeb nibdew billi niftakru illi l-knisja parrokkjali l-qadima mibnija fl-1688 flok oħra iktar qadima dedikata minn dejjem lil Santa Venera V.M. kienet strumentali biex mhux biss iżżejjen isem l-inħawi bl-isem titulari tal-qaddisa tagħha imma aktar tard anki lill-Parroċċa u l-konfini tal-lokalità.

Sa minn meta twaqqfet il-parroċċa ta' Santa Venera kellna prattikament tliet inħawi magħrufa: Misraħ il-Barrieri, Ħal Caprat u Misraħ Santa Venera. Fortunatament dawn it-tliet ismijiet għadhom jeżistu sallum. ***Misraħ il-Barrieri*** għandna waħda mill-itwal toroq imsemmija hekk u ***Misraħ Santa Venera*** li jiġi biswit il-Knisja l-Qadima. F'dawn l-aħħar snin issemmiet ukoll triq għal ***Ħal Caprat.***

Nibdew id-dawra tagħna mat-toroq billi nsemmu illi għall-qaddisa Venera għandna ***Triq Santa Venera*** u saħansitra l-mini l-ġodda li jgħaddu minn taħt il-lokatlità tagħna huma magħrufa uffiċjalment ***Il-Mini ta' Santa Venera.*** Dawn servew biex fl-aħħar għaqqdu ***Triq Reġjonali*** mal-kumplament tan-nofsinhar ta' Malta.

Għandna wkoll ***Triq l-Erbatax ta' Novembru*** li tfakkarna f'dak il-jum meta l-ewlenin Insara fittxew u sabu l-fdalijiet ta' ġisem il-Qaddisa Venera u b'qima tawh difna xierqa. Ta' min isemmi li l-Kunsill Lokali fl-aħħar snin għażel din id-data bħala jum il-lokalità tagħna.

B'konnessjoni mat-twaqqif tal-parroċċa għandna triq imsemmija propju għal din id-data memorabbli ***4 ta' Settembu 1918***. Filwaqt li ***Triq il-Parroċċa*** tinsab mal-ġenb tal-Knisja Parrokkjali l-ġdida.

***Triq Dun Xand Cortis*** issemmiet għal dak il-qassis twajjeb li kien jgħix fir-raħal u li kien hu li witta t-triq biex il-patrijiet Karmelitani jieħdu l-pussess tal-knisja u l-kunvent fl-1912. Hu kompla stinka biex il-knisja ta' Santa Venera saret viċi parroċċa ta' Birkirkara u aktar tard parroċċa indipendenti. Naturalment teżisti ***Triq il-Karmelitani*** li tagħhom Santa Venera kienet l-ewwel parroċċa.

Għal ***Patri Ġwann Azzopardi O.Carm.*** issemmiet triq għax kien hu li nħatar bħala l-ewwel kappillan.

It-triq li ssemmiet għal ***Tumas Dalli*** qegħda biex tfakkarna li kien dan il-bniedem li b'devozzjoni ħabrek biex saret il-vara ta' Santa Venera V. M. li għandna llum.

***Patri Franġisk Grech O. Carm*** kien wieħed mill-kappillani li kellha l-Parroċċa tagħna. Kien wieħed milli ħabrek biex jitkompla l-proġett tal-bini tal-knisja parrokkjali li għandna llum.

***Triq il-Kbira San Ġużepp*** li fiha nsibu llum il-Knisja Parrokkjali tagħna

hija waħda mill-itwal toroq mimlija djar ta' abitazzjoni f'Malta. Nistgħu ngħidu wkoll li hija wahda mit-toroq wesgħin u kummerċjali ta' pajjiżna. Din it-triq isimha ħaditu minn knisja żgħira ddedikata li San Ġużepp li kienet fejn illum hemm il-knisja u l-Istitut ta' San Ġużepp.

U la qed insemmu dan l-Istitut tajjeb li nfakkru li fil-bidu dan l-Istitut kien jissejjaħ l-Istitut Bonnici għal ***Kanonku Francesco Bonnici*** li waqqfu. Sadanittant ***Monsinjur Ġużeppi De Piro*** kien il-fundatur tas-Soċjeta Missjunarja ta' San Pawl MSSP, li jiehdu ħsieb l-imsemmi Istitut.

***Triq it-Turretta*** ħadet isimha minn parti magħrufa bħala t-*Turretta* f'tarf l-arkati tal-akwadott. Dan kien il-post fejn l-ilma li kien jitwassal minn fuq l-arkati jinżel taħt l-art biex jasal bil-qlib sal-Belt Valletta.

Żewġ toroq opposti li jinsabu propju viċin din it-turretta ħadu isimhom skont id-direzzjoni tagħhom waħda lejn ***Ħal Qormi*** u l-oħra turik id-direzzjoni lejn ***l-Imsida.***

Santa Venera kienet magħrufa għall-barrieri primi li kien fiha. Mhux ta' b'xejn li waħda mill-eqdem toroq tar-raħal hija propju ***Triq Misraħ il-Barrieri***. Hawn insibu wkoll toroq oħra li għandhom konnessjoni mal-ġebla Maltija, fosthom ***Franka***, ***Soll, Blata l-Kaħla*** u ***Żonqor.***

Is-servizz tal-vapur tal-art kif kienet magħrufa il-ferrovija dak iż-żmien, kien jaħdem bejn il-Belt u l-Imtarfa u bejn l-istazzjon tal-Ħamrun u dak ta' Birkirkara kien jgħaddi minn Santa Venera. Tifkira ħelwa ta' dan is-servizz pubbliku li m'għadux jeżisti nsibu ***Triq il-Ferrovija l-Qadima*** propju minn fejn kienet tgħaddi il-ferrovija.

Insibu wkoll toroq li wkoll ifakkruna f'mezzi oħra ta' trasport li bihom il-poplu Malti kien jinqeda fiż-żmien l-imgħoddi, fosthom ***Triq il-Kaless, Xarretta, Omnibus*** u ***Parilja***.

Għandna wkoll numru ta' toroq li jfakkruna fi snajja' u xogħlijiet diversi fosthom ***Stampatur, Mastrudaxxa*** u ***Ħajjat***. Mas-sengħa tal-***Ħaddied*** insibu ukoll ***Triq l-Inkwina***. ***Il-Buttar*** kien dak li b'sengħa kbira kien jagħmel il-btieti tal-inbid, min-naħa l-oħra ***il-Brunżar*** huwa dak li jfondi l-bronż.

Għal dak li fl-imgħoddi (qabel daħal il-*luce elettrika* fil-bidu tas-seklu l-ieħor) kien jixgħel il-Fanali fit-toroq għandna ***Triq il-Fanali,*** kif ukoll ***Misraħ il-Kebbies.***

Mill-qaddisin fin-niċeċ antiki għandna żewġ toroq li ħadu isimhom. Dawn huma ***Triq San Ġorġ*** u ***Triq San Pawl.*** Fil-waqt li għal statwa tal-Qalb ta' Ġesu li tinsab fuq bejt fil-kantuniera tal-istess triq għandna ***Triq il-Qalb Imqaddsa.***

***Triq l-Annunzjata*** hija l-unika triq fil-parroċċa tagħna li hija msemmija għal waħda mill-festi tal-Madonna. Din it-triq hija partikulari għax tikkonsisti fi tliet territorji ta' tliet parroċċi differenti.

Fil-każ ta' ***Triq il-Kanun*** erbgħa huma t-territorji ta' parroċċi differenti li tmiss magħhom. Din it-triq ħadet isimha minn kanun tad-difiża li kien f'batterija fl-inħawi.

***Triq il-Ħarrub*** ħadet isimha għall-fatt li fl-imgħoddi din it-triq li kienet tiħdok lejn il-wied tal-Imsida kienet miżgħuda b'numru ta' siġar tal-ħarrub.

***Triq l-Għollieq*** tfakkarna kemm kienet tirrenja din il-pjanta selvaġġa meta l-parti l-kbira ta' dan ir-raħal kien għadu raba' u xagħri.

***Triq tal-Fawwara*** tfakkarna li ħafna mir-raba' tal-inħawi kien raba' saqwi jiġifieri raba' li jissaqqa permezz ta' għejun li kien hawn fl-istess inħawi. Jingħad li qabel inbnew dawk id-djar sbieħ li hemm illum, ir-raba' fl-inħawi kien ukoll magħruf bħala Tal-Fawwara.

***Triq il-Bir*** m'hi xejn għajr sqaq li kien jifred Dar San Ġużepp minn mal-Istitut Vincenzo Bugeja. Illum il-ġurnata dan l-isqaq sar jinfed ġo toroq oħra u sar passaġġ bżonjuż ħafna għar-residenti tal-akwati. Ta' min isemmi li din hi l-unika triq li ma fihiex djar privati residenzjali.

***Triq il-Ward*** tfakkarna fil-għadd ta' fjuri li kienu u għadhom jitkabbru b'mod kummerċjali f'Santa Venera.

Għandna wkoll ***Triq il-Qawsalla***. Ta' min jgħid li din il-kelma hija magħmula minn żewġ kelmiet: *Qaws* u *Alla* li tfisser il-*qaws t'Alla*.

***Triq in-Nagħal.*** Nagħal hija il-plural ta' nagħla. U la qed insemmu xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-bhejjem tajjeb li nsemmu li għandna ***Triq is-Sarġ*** li huwa dak li jitpoġġa fuq dahar il-bhima biex tirkeb fuqu.

Għal żmien il-bluha tal-karnival għandna ***Triq il-Kukkanja*** li kienet l-ghors ta' missirijietna li kienu jixxabtu magħha f'nofs misraħ San Ġorġ il-Belt biex jaħtfu li jistgħu minn dak li jkun hemm imdendel. Il-premju aħħari kien jintrebaħ minn min jaħtaf l-ewwel il-bandiera fil-quċċata.

Għall-***Parata*** għandna wkoll triq li tfakkarna fiż-żifna tradizzjonali tal-karnival li biha jitfakkar l-Assedju l-Kbir tal-1565 u r-rebħa glorjuża fuq il-Mislem.

Ngħaddu fl-aħħar għal-lista ġmielha ta' toroq imsemmija għal diversi persunalitajiet. Dawn jinkludu nies minn kull settur tal-ħajja kemm soċjali, ekonomiku kif ukoll reliġjuż.

***Salvu Guillaumier*** kien propjetarju tal-fabbrika tal-ħġieġ u mirja u kien

joqgħod hawn f'Santa Venera. Kien ukoll wieħed mill-fundaturi tas-Soċjetà Mużikali Santa Venera.

***Ċikku Portanier*** kien ukoll joqgħod f'Santa Venera. Kien il-propjetarju tal-fabbrika tal-minerali tas-Seven Up.

***Il-Markiż J. Scicluna*** huwa l-isem propju taċ-Cisk propjetarju u fundatur tal-birrerija ta' Farsons.

***Salvinu Spiteri*** kien trejd unjonista kapaċi. Kien ukoll il-fundatur u għal ħafna snin president tas-St. Venera Lightnings Football Club.

***Ġużè Flores*** kien avukat ta' fama. Għal xi żmien kien membru u *speaker* fil-Parlament Malti. Serva wkoll bħala mħallef fi qrati barranin. Għal xi snin kien hu wkoll jgħix f'Santa Venera.

***Antonio Miruzzi*** kien surmast direttur tal-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun.

Mużiċista ieħor li għandna parti minn triq imsemmija għalih kien ***Ġużè Pace.***

***Emvin Cremona*** u ***Anton Inglott*** kienu żewġ pitturi li ħallew impronta importanti fl-istorja tal-arti Maltija tas-seklu għoxrin.

***Triq Vivion*** hija msemmija għall-kaptan John Vivion. Dan kien ajjutant tal-gvernatur Sir Alexander Ball. Jingħad li dan il-kaptan kien ta s-sehem tiegħu flimkien mal-Maltin fl-imblokk kontra l-Franċiżi fl-1798 – 1800.

***Triq Braille*** ssemmiet għal Louis Braille li ħoloq l-alfabet għal dawk neqsin min-dawl. Tajjeb li nfakkru li f'din it-triq kienet fetħet l-ewwel skola għat-tagħlim ta' dan l-alfabet fost affarijiet oħra għall-għomja. Ta' min jgħid li din it-triq qabel ma ssemmiet għal Braille kien jisimha Triq Santa Venera peress li twasslek sal-pjazza tal-knisja l-qadima ta' Sant Venera.

***Adelaide Cini*** kienet filantropa u benefattriċi tal-Istitut li waqqfet u li għadu jġib kunjomha.

***Vincenzo Bugeja*** kien Markiż, kif ukoll filantropu kbir. Fil-fatt f'Santa Venera nsibu żewġ istituti mibnija minnu u msemmija għalih b'risq dawk fil-bżonn. Ta' min isemmi li huma tnejn mill-isbaħ binjiet li għandna f'Santa Venera.

***Romeo Romano*** li għalih għandna triq u saħansitra l-parti pubblika ta' ġnien ta' Dar Iljuni msemmija għalih kien ħajjat mill-Ħamrun.

***Emanuel Attard*** kien ħaddiem Vendriż li miet b'disgrazzja fit-Tarzna fis-snin sebgħin. Kien ukoll attiv u jħabrek fl-għaqdiet tal-Parroċċa tagħna.

***Triq Carini.*** Dan l-isem ġej mill-kunjom imqassar *Jaccarini*. Dawn

kienu żewġ professjonisti li oriġinarjament kienu il-propretarji tal-parti l-kbira tal-artijiet fejn illum tinsab din it-triq.

***Dun Frans Camilleri*** kien qassis ħabrieki, għalliem tal-Malti, fotografu, poeta u kiteb għadd ġmielu ta' innijiet sagri. Bħal San Ġorġ Preca kien għal xi żmien jgħix f'Santa Venera.

***Triq il-Kappillan Mifsud*** issemmiet għal wieħed mill-kappillani li kellha l-Parroċċa ta' San Gejtanu tal-Ħamrun. Parti żgħira biss tagħmel ma' Santa Venera.

***Triq Kalċidon Schembri*** tirreferi għal wieħed mill-kappillani li kellha l-parroċċa ta' San Ġużepp tal-Imsida.

Għall-uniku kardinal li qatt kellha l-Arċidjoċesi ta' Malta għandna ***Triq Kardinal Sciberras*** li ismu sħiħ kien Fabbrizio Sciberras Testaferrata.

Għal Professur Dun Ġużepp Zammit għandna triq però spiċċajna bil-laqam li kellu ta' ***Brighella***. Dan kien Latinista bravu u kien ukoll poeta u teologu. Jingħad li dan il-laqam spiċċa bih minn ġurnal li kien joħroġ hu stess u li kien iġib dan l-isem.

Tmiss ma' din it-triq għandna ***Triq Abela***. Sfortunatament din id-darba spiċċajna b'kunjom komuni waħdu u qajla nistgħu nkunu nafu bl-eżatt għal min hi msemmija din it-triq. Nassumi pero b'dan il-kunjom qed nirreferu għall-istorjografu tal-istorja ta' Malta Gian Frangisk Abela li għex fis-seklu sbatax. Dan kien saċerdot li l-Gran Mastru De Paola kien ħatru viċi-kanċillier tal-Ordni u Gran Prijur għall-Papa Klement VIII, Luigi XIII u Filippu IV ta' Spanja. Dan l-istorjografu fl-1647 ippublika erba' volumi ta' kotba mimlija b'informazzjoni storika tal-gżejjer Maltin.

***Dun Alfred Gatt*** kien qassis twajjeb u rettur tal-knisja magħrufa bħala *Ta' l-Erwieħ* fil-Belt Valletta. Dan xerred ma' Malta u Għawdex id-devozzjoni lejn il-wiċċ ta' Kristu. Miet b'fama ta' qdusija fis-sena 1937.

***Patri Ġustin Sant*** kien Karmelitan minn Santa Venera u għal snin sħaħ kien provinċjal tal-Karmelitani. Kien wieħed milli ħabirku biex inbena l-kulleġġ Mount Carmel illum magħruf bħala Sant Elias li l-Karmelitani jmexxu f'Santa Venera. Patri Ġustin Sant jibqa' mfakkar għal dik li kienet magħrufa bħala *l-Lega* li kienet tant organizzata għaż-żgħażagħ fi żmienu. Kien iħobb ħafna lill-Ordni u lir-raħal twelidu li fih twieled, għex u miet.